MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 95/1998/1

Julian’s Framhouses Company Limited .

vs

Carmel Said u b’degriet tal-10 ta’Mejju, 1999 l-avukat Dottor Kevin Mompalao gie nominat “kuratur ad litem” sabiex jirrapprezenta l-wirt gjacenti tal-konvenut Carmel Said li miet fil-mori tal-kawza, u b’degriet tal-15 ta’ Lulju, 1999 gie revokat id-degriet tat-8 ta’ Marzu, 1999, u l-gudizzju gie trasfuz f’isem Modesta Refalo, Victoria Sultana, Grazia Vella, u Maryanne Camilleri.

Il-Qorti ,

Rat l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut jghid ghaliex m’ghandux jigi kkundannat minn din il-Qorti sabiex prevja okkorrendo d-dikjarazzjoni illi huwa qieghe jiddetjenti l-fond bin-numru wiehed u tmenin (81), qabel numru hamsa u hamsin (55) , Triq il-Bullara, Xaghra, liema fond huwa proprjeta’ tas-socjeta’ attrici, inti

tigi kundannat tizgombra mill-istess fond u thallih bil-pussess vakant favur is-socjeta' attrici .

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 117.98, u l-Mandat ta' Inibizzjoni l-iehor prezenta kontestwalment, fl-ismijiet premessi kontra tieghek, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi :

1. Illi huwa qed jokkupa l-fond in kwistjoni b'titolu ta' proprjeta' in virtu' ta' preskrizzjoni akkwizittiva ta' tletin (30) sena .
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .

Rat l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 117/1998 fl-ismijiet: "Julian's Farmhouses Company Limited v. Carmel Said" allegat ma' din il-kawza .

Rat ukoll l-atti tal-kawza konnessa quddiem din il-Qorti fil-kompetenza superjuri taghha : citazzjoni Numru 205/2000 fl-ismijiet : "Victoria Sultana et. noe. vs. Julian's Farmhouses Company Limited et.", mhollija wkoll ghal-lum ghas-sentenza .

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' din il-kawza s-socjeta' attrici kienet qed tfittex l-izgumbrament tal-konvenut mill-fond indikat fl-Avviz, ghax sostniet li dan kien qed jokkupah minghajr ebda titolu . Il-konvenut eccepixxa titolu ta' preskrizzjoni in virtu' tal-preskrizzjoni akkwizittiva trentennali .

In vista ta' din l-eccezzjoni l-Qorti kienet ikkoncediet terminu perentorju lill-istess konvenut sabiex jaghmel il-

kawza opportuna in sostenn tal-pretensjoni tieghu[1] . Gara' pero illi l-konvenut lahaq miet qabel ma saret il-kawza, u din giet minflok intavolata minn uhud mill-werrieta tieghu 'ex lege', billi dan miet intestat[2] .

Din il-kawza giet deciza llum u permezz taghha gie maqtugh illi l-konvenut prezenti ma kellux ragun isostni li kien akkwista l-proprjeta' tal-fond in kwistjoni bil-preskrizzjoni trentennali .

Ghalhekk ghar-ragunijiet kollha imsemmija f'dik il-kawza, li qed issir referenza shiha ghaliha, jirrizulta illi l-konvenuti, bhala eredi tal-konvenut originali Carmelo Said, ma ghandhom ebda titolu validu fil-ligi fuq il-fond *de quo* u ghaldaqstant l-okkupazzjoni taghhom ta' l-istesss fond hija infondata u bla ebda bazi legali .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi l-kawza, billi filwaqt illi tichad l-eccezzjoni tal-konvenut, tilqa' t-talba attrici u tipprefiggi terminu ta' xahar mill-lum sabiex il-konvenuti jizgombraw mill-fond indikat fl-Avviz u jhalluh a libera dispozizzjoni tas-socjeta' konvenuta .

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

1 Ara verbal ta' l-udjenza tal-14.11.2000 a fol. 74
2 citaz. Nru. 205/2000 quddiem il-Qorti ta' Ghawdex, Superjuri Civili